**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Frar, 2016**

**Citazzjoni Nru: 304/2015 AF**

**Is-socjetà The General Soft Drinks Company Limited (C1591)**

**vs**

**Is-socjetà "Bar Celona Beach Company Limited" (C52674);**
**Ian Chircop Beck**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjetà The General Soft Drinks Company Limited, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà attrici bieghet u wettqet diversi konsenji ta' xorb lill-konvenuti u ghad fadlilha tieghu minghand il-konvenuti l-ammont bilancjali ta' hmistax-il elf, erba' mija, wiehed u sebghin Ewro u hamsa u sittin centezmi (€15,471.65) kif jirrizulta mir-resokonti datati tletin ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) hawn allegati u mmarkati bhala Dok. "A" u Dok. "B".

Dan l-ammont baqa' ma giex saldat u dana minkejja illi l-

konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu.

Fil-fehma tal-esponenti nomine, din is-somma ta’ €15,471.65 hija certa, likwida u dovuta u l-konvenuti m’ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta’ dan id-debitu.

Intalbet din il-Qorti biex:

Tiddispensa s-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta); u

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ €15,471.65 rapprezentanti l-bilanc minn somma akbar dovut ghall-bejgh u kunsinna ta’ prodotti mis-socjetà attrici lill-konvenuti kif imsmemi, bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali numru 133/2014 u bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-konvenuti.

Rat li, minkejja li gew debitament notifikati, l-intimati baqghu ma dehrux.

Semghet lix-xhud.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba; tilqa’ t-tieni talba kif dedotta, bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati.

IMHALLEF

DEP/REG